7 ta' Ottubru, 1954.

Imħallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giovanni Sammut *versus* Philip A. Grima

**Preskrizzjoni — Rinunzja — Dekadenza — Bejgħ — Art. 1440 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-debitur li jammetti li għandu jagħti lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bħala eżatta s-somma pretiża, jiġi li rrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni.*

*Jekk il-ħaġa li l-venditur joffri għall-konsenja ma tkunx tal-kwalità pattwita, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu tkun saret il-vendita, il-kumpratur jista' jagħżel, jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċeviha bi prezz anqas fuq stima ta' periti; u għalhekk, f'każ simili, mhix opponibili lill-kumpratur id-dekadenza li hija opponibili f'każ ta' bejgħ ta' oġġett li jinstab li kien affett minn vizzju moħbi.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-kontendenti partu żewġ muturi tal-marka "Rustor" u l-attur ħallas bilanċ ta' £250; u li l-konvenut wiegħed li l-mutur kien tal-forza ta' sittax-il żiemel, fil-waqt illi dak il-mutur fir-realtà kien tal-forza ta' għaxar żwiemel biss; u li, kieku l-attur kien jaf b'dan, ma kienx jaċċetta li jħallas dik id-differenza ta' £250 u jikkonsenja lill-konvenut il-mutur tiegħu tal-forza ta' minn tmienja sa disa' żwiemel; u li l-attur, b'inkariku tal-konvenut, għamel bosta xogħlijiet ta' l-injam f'kostruzzjonijiet li l-konvenut kien ħa l-appalt tagħhom, u għal dawn ix-xogħlijiet baqagħlu jieħu bilanċ ta' £378. 10. 7; talab illi, previja d-dikjarazzjoni li l-mutur lilu trasferit mill-konvenut mhux tal-forza miftehma, u jiġi stab-

bilit l-ammont bilanċjali li huwa għandu jħallas lill-konvenut għall-istess mutur proporzjonatament għall-ftehim oriġinarju u għall-forza ta' l-istess mutur, wara li jinqatgħu l-£150 valur tal-mutur l-ieħor minnu lill-konvenut konsenjat; u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-bilanċ li jirriżulta dovut għax-xogħlijiet fuq riferiti, wara li mis-somma dovuta tiġi dedotta dik li tirriżulta dovuta lill-konvenut skond id-domanda preċedenti. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-1 ta' Frar 1954;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 2254 (a) tal-Kodiċi Ċivili, sollevata mill-konvenut;

Illi, skond id-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija, hija preskritta bl-għeluq ta' sentejn l-azzjoni ta' kuntratturi ta' bini, jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu;

Illi, però, fil-każ preżenti, anki jekk għadda ż-żmien neċessarju għall-preskrizzjoni, il-konvenut ma jistax jinvokaha, billi, kif sewwa ssottometta l-perit, kien hemm da parti tiegħu r-rinunzja għaliha, taċitament magħmula meta huwa ammetta li għandu jagħti lill-attur, u biss ma rrikonoxxiex bħala eżatta s-somma pretiża. Hekk ġie ritenut mill-Prima Awla tal-Qorti Ċivili, skond l-insenjament ta' Troplong u ta' Aubry et Rau, fil-kawża "Carbun vs. Bezzina" (Kollez. Vol. XVI, P. II, p. 3), u mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Demarco vs. Aquilina" (Kollez. XXXII—I—639);

Is-sentenzi ċitati mill-konvenut biex isostni l-pretensjoni tiegħu fis-sens li ma kienx hemm da parti tiegħu rinunzja taċita għall-preskrizzjoni — dik tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Cutusier vs. Teuma" (Kollez. XXV—I—1120) u l-oħra ta' l-istess Qorti fil-kawża "Cassar vs. Azzopardi" (Kollez. XXIX, P. I, Sez. I, p. 326) — inveċe, ma jsostnuha xejn. U difatti, fl-ewwel kawża ċ-ċirkustanzi kienu wisq diversi; id-debitur kien ħallas parti mid-debitu preskritt, u eċċepixxa

l-preskrizzjoni għall-kumplament; u l-Qorti ta' l-Appell f'dak il-każ ġustament irriteniet, fuq l-insenjament tat-Troplong, illi, riferibilment għall-parti tad-dejn preskritt li d-debitur ma ħallasx, ma kienx hemm rinunzja għall-preskrizzjoni, billi l-ammissjoni tal-parti tad-dejn li ħallas kienet "espressamente accompagnata dalla protesta. .............. di non dovere altro e dalla eccezione della prescrizione, che sono dichiarazioni contrarie ad una rinunzia". Fil-każ preżenti, inveċi, il-konvenut ma ċaħadx li huwa għandu jagħti lill-attur, iżda deherlu li ma kellux jagħti daqs kemm il-kreditur jippretenda. u "huwa paċifiku fid-dottrina", qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fuq ċitata fl-ismijiet "Demarco vs. Aquilina", "illi l-inċertezza tal-'quantum' ma tirrendix nulla r-rikonjizzjoni tad-debitu, meta tkun aċċertata l-kawża tiegħu". Riferibilment, imbagħad, għas-sentenza l-oħra ċitata mill-konvenut, f'din ingħad illi "ir-rinunzja taċita għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinġibed ħlief meta ma hemm ebda dubju dwar li l-konvenut irid hekk. Il-preskrizzjoni tittieħed bħala mogħtija anki impliċitament". Issa, meta d-debitur jirrikonoxxi li hu debitur, u jillimita ruħu li jiddiskuti l-ammont dovut, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li jrid jirrinunzja għall-preskrizzjoni; u kien għalhekk li f'każijiet simili t-tribunali tagħna rrikonoxxew ir-rinunzja għall-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat, kwantu għall-eċċezzjoni l-oħra tad-dekadenza, riferibilment għall-ewwel talba;

Illi l-azzjoni eżerċitata mill-attur mhix dik naxxenti mill-garanzija għad-difetti li ma jidhrux, magħrufa bħala "estimatoria", eżerċibili meta l-kumpratur jagħżel li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti, imma hija, inveċi, dik naxxenti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 1440 tal-Kodiċi Ċivili; in forza ta' liema dispożizzjoni, jekk il-ħaġa li l-venditur joffri għall-konsenja ma tkunx tal-kwalità pattwita, jew ma tkunx bħal kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kumpratur jista' jagħżel, jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċeviha bi prezz anqas fuq stima ta' periti. U difatti l-attur ma jallegax li fil-mutur fuq imsemmi hemm xi vizzju; għaliex, inveċi, igħid li

dak il-mutur ma għandux il-forza pattwita, billi għandu l-forza ta' għaxar żwiemel, fil-waqt li dik pattwita kienet ta' sittax-il żiemel, dak li ma jirrendix il-mutur vizzjat jew difettuż, imma biss ta' preġju minuri, jew ta' kwalità inferjuri, għal dik li hija forza, għall-mutur ta' forza ta' sittax-il żiemel; għaliex dik id-differenza hija inerenti għan-natura tal-merċi, u kwindi hija differenza ta' kwalità, fil-waqt li, għall-oppost, il-vizzji huma dawk inerenti għall-mod imperfett kif il-merċi ġiet fabbrikata, valjata, imballata, kustodita. Il-merċi għandha tiġi rikonoxxuta vizzjata, jew difettuża, meta tiġi fiha verifikata xi devjazzjoni mill-istat tagħha ordinarju u normali, li minnu tkun tiddependi l-attitudini tagħha għall-użu li għalih, min-natura tagħha, hija destinata, u għalhekk vizzju, jew difett, hija kull anormalità jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, illi fil-ħaġa tiġi riskontrata, li tneħħilha jew tnaqqsilha l-attitudini għall-użu; u kwindi, biex il-ħaġa tkun difettuża, irid ikun jonqsilha xi ħaġa biex tkun tista' teżisti b'mod pjenament konformi għan-natura tagħha, u biex tkun vizzjata jrid ikun hemm fiha xi alterazzjoni li minħabba fiha l-ħaġa ma tkunx kif normalment għandha tkun. Dan kollu juri għall-evidenza kemm hu veru li fil-każ preżenti ma setax jiġi mill-attur riskontrat difett jew vizzju fil-mutur, għaliex allegatament il-mutur huwa tal-forza ta' għaxra, u mhux ta' sittax-il żiemel;

In konsegwenza, il-preskrizzjoni u d-dekadenza opposti mill-konvenut għandhom jiġu ritenuti ineffikaċi; l-ewwel waħda minħabba r-rinunzja, u t-tieni għaliex id-dekadenza invokata hija komminata għall-azzjoni diversa minn dik li ġiet miġjuba 'l quddiem mill-attur f'din il-kawża;

U kwindi, tirrespinġi ż-żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut: bl-ispejjeż kontra tiegħu.